# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA
## SEDE KOSTITUZZJONALI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 28 ta' Gunju, 2023**

**Kawza Numru: 6**

**Rikors Numru:- 613/2022JVC**

**Giordian Azuogu Ohaegbu (ID 336099M)**

**vs**

**Avukat ta' l-Istat**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Gordian Azuogu Ohaegbu (Id 336099M) li premetta u talab kif isegwi:

1. 'L-esponent jinsab akkuzat inter alia bi traffikar tad-droga u l-proceduri kriminali istitwiti kontrih jinsabu pendenti

quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja presjeduta mill-Magistrat Natasha Galea Sciberras.

2. Dawn il-proceduri tniedu f'Settembru tas-sena 2007 u ghalhekk ilhom pendenti ghal aktar minn 15 il-sena. Sal-lum il-gurnata, il-prosekuzzjoni ghadha ma ghalqitx il-provi taghha.

3. Dan id-delungar tal-proceduri kriminali wassal ghall-ksur tad-drittijiet fundamentali tal-esponent senjatament dawk li jirrigwardjaw il-jedd ta' smigh xieraq kif sancit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u fl-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

4. Minhabba f'hekk, l-esponent qed isofri ksur ta' smigh ta' dritt fundamentali tieghu ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli.

5. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti:

*1.* Tiddikjara illi minhabba t-tul taz-zmien li qed jiehdu l-proceduri tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Gorgean Azuogu*

*Ohaegbu* pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, presjeduta mill-Magistrat Natasha Galea Sciberras, l-esponent sofra u ghadu qed isofri ksur tad-dritt fundamentali tieghu ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli a tenur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

2. Tordna sabiex immedjatament jinghalqu l-provi tal-prosekuzzjoni fil-kumpilazzjoni fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Gorgean Azougu Ohaegbu* pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, presjeduta mill-Magistrat Natasha Galea Sciberras.

3. Tillikwida kumpens xieraq ghad-danni mgarba mill-esponent.

4. Taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twetta, jew tizgura t-twettiq tad-dritt ta' smigh xieraq tal-esponent.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.'

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat li taqra kif isegwi:

1. 'Illi permezz tar-rikors promotur, ir-rikorrent qieghed jallega li hu garrab ksur tad-dritt fundamentali tieghu ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli kif sancit mill-Artikolu 39 tal- Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem minhabba t-trapass taz-zmien fil-proceduri kriminali istitwiti kontrih quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti istruttorja presjeduta mill-Magistrat Dr N. Galea Sciberras.

**2.** Illi huwa pacifiku li d-dritt ghal smigh xieraq irid ikun evalwat fit-totalita' tal-proceduri u li l-fatturi li primarjament ghandhom jigu kkunsidrati sabiex jigi determinat jekk is-smigh ta' process eccediex il-parametri ta' smigh xieraq fi zmien ragonevoli huma l-kumplessita' tal-kaz; l-agir tal-partijiet fil-kawza u l-agir tal-awtorita' gudizzjarja. Kif jghidu l-awturi **Harris O'Boyle u Warbrick** fil-ktieb ***Law of the European Convention on Human Rights:***

'The purpose of the reasonable time ' guarantee, which applies to both criminal and non-criminal cases, is to protect "all parties to court proceedings...against excessive procedural delays' [Stögmüller v Austria A 9 (1969) p 40, 191. On the guarantee, see Henzelin and Rordorf, 5 NJ ECL 78 (2014) and 'underlines the importance of rendering justice without delays which might jeopardize its effectiveness and credibility' [H v France A 162-A)1989; 12 EHRR 74 para 58].

The reasonableness of the length of proceedings in both criminal and non-criminal cases depends on the particular circumstances of the case [Konig v Germany A 27 (1978); 2 EHRR 170 PC and Pedersen and Baadsgaard v Denmark 2004-XI; 42 EHRR 486 GC]. There is no absolute time limit. Factors that are always considered are the complexity of the case, the conduct of the applicant, and the conduct of the competent administrative and judical authorities [Konig v Germany; ibid]. The Court also takes into account what is 'at stake' for the applicant [Frydlender v France 2000-VII; 3 1 EHRR 1 1 52 GC, what is 'at stake' is sometimes treated as a separate fourth factor: see, eg. Surmeli v Germany 2006-VII; 44 EHRR 438 GC]."

3. Il-fatt fih innifsu li l-kumpilazzjoni ilha ghaddejja numru ta' snin ma jfissirx b'daqshekk li hemm dewmien ingustifikat. Tabilhaqq hija gurisprudenza kostanti u stabbilita li l-irragonevolezza taz-zmien m'ghandux jigi determinat fl-astratt jew min-numru ta' snin li tkun damet ghaddejja procedura gudizzjarja, imma dan ghandu jitqies fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

4. Illi fil-kaz odjern, il-Prosekuzzjoni qed tinsisti fuq ix-xhieda ta' xhud li fil-fehma taghha huwa utili sabiex ikun hemm sejbien ta' htija. L-inisistenza tal-Prosekuzzjoni ghal dan mhiex

kapriccuza; *ai termini* tal-Artikolu 91 tal-Kostituzzjoni, l-Avukat Generali ghandha dmir li tistitwixxi, taghmel u twaqqaf il-proceduri kriminali. Dan id-dmir necessarjament ifisser li kull prosekuzzjoni titmexxa b'diligenza, b'reqqa u fundamentalment, b'attenzjoni ghall-fatt li f'proceduri kriminali, il-prosekuzzjoni hi obbligata tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju ragonevoli. Dak effettivament suggerit mir-rikorrent huwa li l-esponenti tabdika minn din ir-reponsabbilta' u ma ggibx l-ahjar prova kif hi obbligata li taghmel.

5. Illi mill-*iter* processwali u meta wiehed jikkunsidra l-kwadru tal-fatti kollu fit-totalita' tieghu wiehed ghandu jasal ghall-konkluzjoni li ma kien hemm l-ebda dewmien attribwibbli ghall-Prosekuzzjoni u lanqas ghall-awtorita' gudizzjarja. Illi l-kaz tar-rikorrent hu ta' certu kumplessita' u dan peress li jinvolvi numru ta' xhieda u esperti. Illi ghalhekk l-allegazzjoni tar-rikorrent li gie lez id-dritt tieghu ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli a tenur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja hija bir-rispett kollu infondata u insostenibbli.

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fi kwalunkwe kaz, il-pretensjonijiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, *dato ma non concesso* seta' kien hemm dewmien li jeccedi l-parametri tas-smigh fi zmien

ragonevoli, qatt ma ghandu jinghata r-rimedju li jinghalqu l-provi tal-Prosekuzzjoni peress li dan ir-rimedju jgib fix-xejn l-obbligu tal-Istat Malti li jizgura li jitmexxew prosekuzzjonijiet u li ssir gustizzja meta allegatament ikun sehh reat.

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghalhekk gjaladarba ma sehh ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti **tichad** it-talbiet rikorrenti.
Bl-ispejjez.'

Il-Qorti rat l-atti kollha tal-process kriminali fil-kumpilazzjoni numru 804/2007 fl-ismijiet **Pulizija vs. Ohaegbu Gordian Azougu** li gew annessi mal-process odjern kemm bhala ' soft-copy' kif ukoll il-process gie mghoddi lil din il-Qorti fl-istadju tal-kitba tad-decizjoni.

Rat illi fil-verbal datat 24 ta' Jannar 2023 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni b'termini mposti fuq il-partijiet ghas-sottomissjonijiet bil-miktub.

Rat is-sottomissjonijiet fl-atti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz tar-rikors odjern ir-rikorrent jilmenta mid-dewmien fil-proceduri kriminali kontra tieghu liema proceduri jikkoncernaw akkuzi relatati ma' traffikar ta' droga. Dawn il-proceduri bdew f'Settembru tas-sena 2007 u llum il-gurnata sittax-il sena (16) wara jirrizulta li ghadhom fi stadju ta' provi prosekuzzjoni. Ir-rikorrent jitlob ghalhekk li din il-Qorti tiddikjara li d-dewmien fil-proceduri in kwistjoni rrizultaw u ghadhom qed jirrizultaw fi ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli a tenur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Jitlob ukoll li din il-Qorti tordna li jinghalqu immedjatament il-provi tal-prosekuzzjoni fil-kumpilazzjoni msemmija, li tillikwida kumpens xieraq ghad-danni mgarrba mir-rikorrent u li taghti dawk id-direttivi ohra li tqis xierqa u opportuni sabiex tizgura t-twettiq tad-dritt ta' smiegh xieraq tar-rikorrent.

Illi l-Avukat tal-Istat jeccepixxi in succint li l-proceduri sabiex jigu evalwati ghandhom jittiehdu fit-totalita' taghhom u mhux meta ghadhom pendenti, illi l-fatt fih innifsu li l-kumpilazzjoni in kwistjoni ilha ghaddejja numru ta' snin ma jfissirx li d-dewmien huwa ingustifikat, li fil-kaz odjern il-prosekuzzjoni qed tinsisti

ghal xhieda ulterjuri mhux kappriccosament izda sabiex tkun tista' tinstab il-htija tar-rikorrent odjern u li anki f'kaz li jigi dikjarat dewmien ingust da parti ta' din il-Qorti r-rimedju m'ghandux ikun li jinghalqu l-provi tal-prosekuzzjoni ghaliex skont l-Avukat tal-Istat dan igib fix-xejn l-obbligu tal-Istat Malti li jizgura li jitmexxew prosekuzzjonijiet u li ssir gustizzja meta allegatament ikun sehh reat.

Il-Qorti, rat l-atti kollha tal-process kriminali li jikkonsisti f'xejn anqas minn seba' volumi u diversi dokumentati allaccjati. Il-Qorti izda mill-ewwel tirrileva li wiehed m'ghandux jimpressjona ruhu bis-seba' volumi stante li f'hafna minnhom wiehed isib biss differiment wara l-iehor da parti jew tal-prosekuzzjoni jew fuq talba tal-Avukat Generali jew fuq indisposizzjoni tal-Qorti li kienet qed tipresjedi.

Il-Qorti rat illi tul dawn l-ahhar sittax-il sena (16) dan il-kaz bidel tlett magistrati, mill-anqas erba' spetturi u wkoll mill-anqas erba' avukati generali. F'dan il-perjodu saru madwar mija u sitta u sittin (166) smiegh tal-kaz fejn fil-maggor parti taghhom ma sar xejn ghal ragunijiet imputabbli jew lill-prosekutur jew l-Avukat Generali filwaqt li kien hemm biss madwar sitt seduti li fihom ma sar xejn ghal ragunijiet relatat mal-imputat.

Din il-Qorti analizzat oltre l-andament tas-seduti u rat li mill-14 ta' Novembru, 2007 l-prosekuzzjoni u l-Avukat Generali bdew jinsistu li jinstema' bhala xhud certu Alberto Bafumi li izda kellu proceduri kriminali fil-konfront tieghu w'ghalhekk ma setax jixhed. Kien biss fis-26 ta' April, 2012 cioe' kwazi hames (5) snin wara li xehed l-istess Alberto Bafumi fil-proceduri. Fil-mori kien hemm diversi dikjarazzjonijiet da parti tal-prosekutur kif ukoll l-Avukat Generali li kienet biss mehtiega u kien baqa' biss ix-xhieda ta' dan l-istess Alberto Bafumi. Sas-seduta ta' wara li kienet fl-4 ta' Gunju, 2012, izda, l-Avukat Generali bidel il-versjoni u talab li jinstemghu diversi xhieda ohra u wkoll li jsiru xi traduzzjonijiet. Din il-Qorti ma tistax tifhem u ma tara l-ebda raguni valida ghalfejn l-Avukat Generali dawn il-provi ma talabhomx mill-ewwel fis-sena 2007 sabiex almenu dawn kienu jkunu lesti sakemm jixhed Alberto Bafumi.

Konsegwenza ta' diversi talbiet ulterjuri tal-Avukat Generali fir-rinviji tieghu, kif ukoll wara li fid-19 ta' Novembru 2012 l-Avukat Generali talab li l-kumpilazzjoni terga tibda mill-gdid ghaliex skont hu kien hemm difett procedura (li dan induna bih Avukat gdid fi hdan l-ufficcju tal-Avukat Generali) dan wassal sabiex il-kumpilazzjoni twalet ulterjoment sa' Frar 2014 fejn tista' tghid kwazi ma sar xejn ghal raguni jew ohra nonostante li d-difiza diversi drabi ddikjarat li kienet qed tezenta lill-prosekuzzjoni milli tipproduci mill-gdid il-provi taghha. Tul is-snin il-prosekuzzjoni

ghal diversi drabi ddikjarat li ma fadlilhiex aktar provi izda l-Qorti nnotat li kull darba li kien jinbidel l-Avukat Generali f'dawn il-proceduri allura kienu jitfaccaw talbiet godda fir-rinviji li servew sabiex baqghu jitwalu dawn il-proceduri sal-gurnata tal-lum.

Il-Qorti rat ukoll li kien biss fit-8 ta' Frar, 2014 li l-Qorti ordnat li jigu ngunti diversi rapprezentanti ta' kumpanniji sabiex jixhdu fil-kaz dwar l-assi tar-rikorrent. Din il-Qorti ghal darb'ohra ma tistax tifhem ghalfejn dan ma setax isir pendenti li l-kaz kien qed jigi differit jistenna li Alberto Bafumi jkun f'posizzjoni li jixhed.

Rat ukoll li f'Lulju 2014 nqala' isem ta' xhud iehor li l-prosekuzzjoni riedet tressaq fil-kaz kontra r-rikorrent u cioe' dak ta' Darren Aquilina li wkoll jidher li kellu xi proceduri fil-konfront tieghu. Rizultat ta' dan u rinviju wara rinviju fejn dejjem intalab dan ix-xhud il-kumpilazzjoni regghet twalet sakemm fl-ahhar fl-10 ta' Jannar, 2018, cioe' kwazi erba' snin mit-talba tieghu, xehed Darren Aquilina fis-seduta tal-10 ta' Jannar, 2018. Fl-istess verbal il-prosekuzzjoni regghet iddikjarat li ma fadlilhiex provi. Nonostante li Darren Aquilina kien xehed l-Avukat Generali fir-rinviji segwenti baqa' jitlob li tinstema' x-xhieda ta ' Darren Aquilina b'dana li huwa evidenti ghal din il-Qorti li l-Avukat Generali ma kienx qed jaghti kaz dak li kien qed jitnizzel fil-verbali tal-Qorti u x'kien qed isir waqt il-gbir tal-provi. Dan l-

izball baqa' ghaddej ghal mill-anqas id-disa' (9) seduti ta' wara sakemm fin-nota ta' rinviju tieghu tas-7 ta' Settembru, 2018 l-Avukat Generali rega' elenka diversi provi godda li qatt ma kienu ssemmew qabel. Nonostante d-diversi ezenzjonijiet li tat id-difiza sabiex il-kaz ikun jista' jimxi din is-sitwazzjoni baqghet tkarkar sad-19 ta' Ottubru, 2019 fejn l-Avukat Generali fir-rinviji tieghu baqa' jinsisti sabiex jixhed certu PC 279 nonostante li dan kien xehed ferm qabel u gie hekk dikjarat fil-verbali tal-Qorti. Ghal darb'ohra l-prosekuzzjoni regghet iddikjarat maghluqa l-provi taghha izda mal-bidla ghal darb'ohra tal-Avukat Generali fir-rinviju tal-5 ta' Gunju, 2020 regghu gew elenkati mill-anqas tmien kweziti godda, dan tlettax-il sena (13) wara li r-rikorrent imputat tressaq l-ewwel darba quddiem il-Qorti. Minn dakinhar salv xi seduti li kellhom jigu differiti minhabba l-pandemija, inbidel ukoll il-Magistrat u d-difiza regghet ezentat lill-prosekuzzjoni milli jergghu jitressqu l-povi. F'daqqa wahda l-Avukat Generali beda jindika isem xhud iehor certu Philip Tanti sabiex jinstema' mill-Qorti. Ghalkemm jirrizulta mill-verbali tas-seduti li gie ddikjarat diversi drabi li x–xhud Philip Tanti ma jinstabx Malta u li probabilment qed jghix fir-Russja (ara l-verbal tat-3 ta' Frar, 2023) u nonostante li l-prosekuzzjoni regghet iddikjarat mal-Qorti li ma fadlilhiex provi, s-sitwazzjoni llum hija li l-Avukat Generali fl-ahhar rinviju tieghu, sittax-il sena (16) wara li r-rikorrent tressaq b'arrest ghadu qed jinsisti ghal dan ix-xhud li ismu tfacca biss bhala prova mis-sena 2020 l-quddiem.

Il-Qorti rat ukoll mill-att li fil-frattemp ir-rikorrent da parti tieghu dejjem ikkollabora fil-proceduri, ftit li xejn gew differiti seduti habba fih, sab ruhu f'ordni ta' ffrizar fuq l–assi tieghu bil-problemi li dan kollu jgib mieghu u sahansitra jirrizulta li kellu bzonn isiefer sabiex issir trapjant tal-kilwa tieghu lil ommu izda dan gie michud. Jirrizulta wkoll li l-omm lahqet mietet tistenna din il-kilwa u giet ukoll michuda t-talba tar-rikorrent li jmur ghall-funeral. Konsegwentement jidher li r-rikorrent beda jigi permess li jsiefer kull darba fuq depozitu ta' ammonti sostanzjali ta' flus bhala garanzija izda dan biss numru ta' snin wara li huwa tressaq b'arrest.

Il-Qorti rat ukoll li f'numru ta' seduti tul is-snin, id-difiza ghal diversi drabi lmentat minn ksur tad-dritt fundamentali tal-imputat ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli bl-ewwel ilment tqajjem fis-seduta tat-3 ta' Novembru, 2009 (cioe' erbatax-il sena ilu) u l-ilmenti baqghu ghaddejjin tul iz-zmien u kkwotat ukoll sentenzi tal-Qorti Kriminali izda jidher li dawn l-ilmenti ghal dawk li huma d-dewmien tal-proceduri fil-kaz odjern waqghu fuq widnejn torox.

Rizultat ta' dak kollu suespost il-proceduri kriminali kontra r–rikorrent odjern ghadhom sal-lum sittax-il sena (16) wara pendenti li jinghalqu darba ghal dejjem il-provi tal-prosekuzzjoni minghajr

ebda xaqq ta' dawl jew tama dwar id-data meta l-proceduri intieri fil-konfront tar-rikorrent imputat ser jigu finalment decizi.

Il-Qorti tirrileva li ghalkemm huwa minnu li fi proceduri bhal dawk odjerni wiehed prima facie ghandu jimxi mal-gurisprudenza li temfasizza li wiehed ghandu jhares lejn id-dewmien tal-proceduri fit-totalita' taghhom u jrid ihares ukoll lejn il-komplessita taghhom, fil-kaz odjern, wara li din il-Qorti rat kelma b'kelma l-verbal ta' mill-anqas mija, sitta u sittin (166) seduta nkluz x'sar u r-raguni ghad-differiment, tqis li s-sitwazzjoni li sab ruhu fiha l-imputat hija wahda tal-biza' u disastruza, m'hemmx kliem iehor ahjar kif wiehed jista' jiddeskrivi l-andament tal-kumpilazzjoni in kwistjoni. Mill-atti ma jirrizultax li d-dewmien kien rizultat tal-komplessita tal-kaz ghaliex ghal diversi snin ma kien qed isir xejn ghal dak li hu gbir ta' provi u xejn ma jiggustifika d-dewmien ta' snin twal sabiex il-prosekuzzjoni jew l-Avukat Generali jindika provi jew xhieda li suppost kienu noti lilhom fil-mument li r-rikorrent tressaq b'arrest. Illi minn dak li setghet tivverifika l-Qorti mill-atti kriminali jirrizulta li kemm il-prosekuzzjoni kif ukoll l-Avukat Generali il-kaz ma hadmuhx kif inhu mistenni u cioe' bhala wiehed shih izda ressqu l-provi bicca, bicca kif deherilhom huma b'mod kajman ghall-ahhar b'non kuranza assoluta ghall-jedd tal-imputat ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli. Apparti dan, kien hemm ukoll hafna u hafna svisti ta' da parti tal-Avukat Generali fil-proceduri

kriminali li wasslu sabiex il-gbir ta' provi baqa' dejjem jitwal b'mod inkontrollat. Il-bdil fil-persuna tal-Avukat Generali xejn ma jiggustifika li jkun hemm dawn l-isvisti u kontradizzjonijiet fl-atti.

Illi din il-Qorti ma tistax ukoll ma tinnotax li ghal certu zmien, partikolarment fl-ewwel snin ta' din l-kumpilazzjoni, l-Qorti wkoll dehret passiva ferm u kienet tippermetti li l-kaz jigi differit *ad infinitum* minghajr ma tiehu azzjoni konkreta sabiex tissalvagwardja wkoll il-jedd tal-imputat ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli billi tinsisti li jinghalqu l-provi tal-prosekuzzjoni kif kellu jsir.

Illi in vista ta' dak kollu suespost l-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li fil-kaz odjern m'ghandhiex ghalfejn tistenna li l-proceduri jaslu fi tmiemhom sabiex taghmel l-analizi taghha jekk id-dewmien fil-proceduri kriminali hux lesiv tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli stante li d-dewmien ezagerat huwa evidenti filwaqt li n-nuqqas ta' gustifikazzjoni ghal dan id-dewmien hija wkoll evidenti fl-atti. Ghalhekk il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent.

Illi dwar it-tieni talba tar-rikorrent u cioe' fejn ir-rikorrent qed jitlob sabiex immedjatament jinghalqu l-provi tal-prosekuzzjoni

fil-kumpilazzjoni in kwistjoni, l-intimat jeccepixxi li dan ma jkunx gust ghaliex skont hu din l-ordni ggib fix-xejn l-obbligu tal-Istat Malti li jizgura li jitmexxew prosekuzzjonijiet u ssir gustizzja fuq allegat reat. Din il-Qorti assolutament ma taqbilx mal-argument tal-Avukat tal-Istat ghaliex sittax-il sena (16) shah kienu aktar minn zmien bizzejjed sabiex l-Istat Malti jwettaq l-obbligu hekk imsemmi minghajr ma jimpingi fuq il-jeddijiet fundamentali tar-rikorrent. Din il-Qorti, wara li rat l-andament tal-proceduri kriminali in kwistjoni, tqis li jekk mhux ser taghti ordni cara u skjetta dwar kif ghandhom jigu maghluqa l-provi tal-prosekuzzjoni allura l-proceduri kriminali certament ser ikomplu jitwalu b'xi skuza jew ohra. Dwar dan il-punt, f'dan l-istadju din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Analdo Andres Venghaus vs. Avukat Generali (63/18RGM)** datata 13 ta' Lulju, 2020 fejn f'kaz simili dik il-Qorti ordnat kif isegwi:

'i. Establishing a fixed time limit of thirty (30) days from today for the Attorney General to issue the bill of indictment against the appellant;
ii. In default to pay the appellant the sum of fifty euro (€50) per diem from the lapse of the thirty (30) days up to the day that the Attorney General issues the bill of indictment, with interest. The compensation liquidated by the first court in favour of the appellant, is also due.'

L-Ewwel Qorti f'dak il-kaz kienet ukoll illikwidat kumpens favur ir-rikorrent fis-somma ta' elf u hames mitt Euro (€1500) ghal kaz fejn fih tressaq b'arrest fis-sena 2015 u cioe' hames (5) snin qabel.

Illi fil-kaz odjern il-Qorti tqis li ghandha timxi fuq l-insenjament suespost u taghti ordnijiet simili sabiex taccerta ruhha li fil-kaz kontra r-rikorrent jinghalqu l-provi tal-prosekuzzjoni u l-kaz jimxi ghall-istadju li jmis minghajr ebda dewmien ulterjuri.

Illi permezz tat-tielet talba tieghu ir-rikorrent jitlob li din il-Qorti tilliwkida wkoll kumpens xieraq ghad-danni mgarrba minnu. Il-Qorti f'dan il-kaz, li kif gia suespost ilu ghaddej provi prosekuzzjoni ghal sittax-il sena (16), in vista wkoll ta' dak deciz fis-sentenza suesposta, tqis li f'dan il-kaz ghandu jigi likwidat kumpens fis-somma ta' erbat' elef u hames mitt Euro (€4500).

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi dan ir-rikors billi fl-ewwel lok tichad ir-risposta tal-Avukat tal-Istat intimat u tghaddi sabiex tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrent kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent u tiddikjara illi minhabba t-tul taz-zmien li qed jiehdu l-proceduri tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Gorgean Azuogu Ohaegbu* pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, presjeduta mill-Magistrat Natasha Galea Sciberras, ir-rikorrent sofra u ghadu qed isofri ksur tad-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli a tenur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna sabiex immedjatament jinghalqu l-provi tal-prosekuzzjoni fil-kumpilazzjoni fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Gorgean Azougu Ohaegbu* pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, presjeduta mill-Magistrat Natasha Galea Sciberras u:

(i) tistabilixxi terminu perentorju ta' tletin (30) gurnata mil-lum sabiex l-Avukat Generali johrog l-att tal-akkuza jew kontro-ordni/artikoli tal-ligi skont kif jidhirlu l-Avukat Generali fil-konfront tar-rikorrent Gorgean Azougu Ohaegbu;

(ii) fin-nuqqas tordna lill-Avukat tal-Istat intimat sabiex ihallas lir-rikorrent is-somma ta' hamsin Euro (€50) ghal kull gurnata dewmien sakemm effettivament tinhareg l-att tal-akkuza jew kontro-ordni/artikoli tal-ligi bl-imghax skont il-ligi.

3. Ulterjorment tilqa' t-tielet talba u tillikwida kumpens ta' erbat' elef u hames mitt Euro (€4,500) ghad-danni mgarrba mir-rikorrent li ghandhom jithallsu mill-intimat lir-rikorrent.

4. Tilqa' r-raba' talba u taghmel referenza ghall-ordnijiet u direttivi moghtija fil-paragrafi precedenti.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat.

Il-Qorti tordna wkoll lir-Registratur Qrati Civili u Tribunali sabiex f'kaz li din is-sentenza tghaddi in gudikat, jibghat kopja ta' din is-sentenza lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati kif ighid u jrid l-Artikolu 242 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti tordna wkoll lir-Registratur Qrati Kriminali sabiex f'kaz li din is-sentenza tghaddi in gudikat, jibghat kopja ta' din is-sentenza lill-Magistrat Dr Natasha Galea Sciberras.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**

**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**

**28 ta' Gunju 2023**

**Cora Catania**

**Deputat Registratur**

**28 ta' Gunju 2023**